MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2014

Numru. 757/2014

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**BRENDAN CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Brendan Cachia ta' 27 sena, bin Joesph u Pauline nee' Spiteri, mwieled Pieta' fis- 27 ta' Jannar 1987, residenti gewwa BLk C, Flt 9, Wesgha Mattia Preti, Birgu u detentur tal- KARta tal- Identita' bin- numru 75487M;

Talli;

1) nhar il- 11 ta' Awwissu 2014 bejn it- 8.00am u l- 5.00pm, minn gewwa BLk C, Flat 9, Wesgha Mattia Preti, Birgu, ikkommetta serq ta' laptop tad- ditta Dell u kif ukoll diversi oggetti ohra li l- valur taghhom jeccedu €232.94 izda mhux aktar minn €2329.40 ghad- detriment ta' missieru Joseph Cachia u/jew xi persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil- lok;

2) Fl- istess data, gewwwa dawn il- gzejjer, kellu fil- pussess tieghu id- droga kokajina spcefiikata fl-ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligiijiet ta' Malta meat ma kinx fil- pussess ta' awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib principali tal- Gvern skont id- disposizzjonijit tar- 4 u s- 6 Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kinx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura jew li jforni droga msemmija u meta ma kinx b' xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skont ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija;

3) Aktar talli fl- istess dati, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti tal- artikolu 22 tal- Kap 446 b' sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D nhar il- 25 ta' April 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ati termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9;

5) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- liberta' provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill- Qorti ta' Malta mill- Magistrat Dr C. Galea LL.D fid- digreit taghha datat 7 ta' Awwissu 2014 li bih hu gie obbligat li ma jikkommettix reat iehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 49 u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija. Il- Qorti tordna hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 412 D tal- Kap 9 u hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna revoka tad- digriet tal- helsien mill- arrest preventiv datat 7 ta' Awwissu 2014, tordna ri- arrest mill- gdid u konfiska tas- somma ta' elf ewro (€1,000) mohgtija bhala garanzija personali fl- istess digriet.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------